MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 77/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Sunways Malta Limited (C-33680)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€524.85) ammont li huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru 40051539 u 40065272 skont diversi kontijiet mibghuta lilha, u skont id-dokumenti: IZY1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40051539; IZY2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40051539; IZY3 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40065272; IZY4 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40065272. Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-24 ta' Jannar, 2012 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------